BIRGU
Città Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**

---

# Minuti tal-laqgħa 23(06) kontinwazzjoni

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għat-23-il laqgħa fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar it-Tnejn, 4 ta' Novembru 2013 fil-5 ta' filgħaxija.

## Prezenti

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, l-Viċi Sindku s-Sur Trevor Mizzi u l-Kunsilliera s-Sur Anton Gellel u s-Sur Lawrence Attard.

Is-Sur Alan Cassar kien skuzat.

Is-Sinjura Isabella Testaferrata De Noto, Deputat Segretarja Ezekuttiv.

Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

1. Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-Kunsillier Lawrence Attard, is-Sinjura Lara Mascena u s-Sur Mark Couson kienu ser jippartecipaw għall-ewwel laqgħa tal-proġett Decide f'Reggio Emilia l-Italja, Is-Sindku qal li l-ħlas tal-biljetti ta' l-arju kienu ser isir mill-fondi ta' dan il-proġett. Għalhekk s-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġu approvati substinstance allowance li kienu jammontaw €1656. Il-Kunsill approva unanimament.

1.1 Is-Sindku qal li fil-futur il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk hux ser jidħol għall-proġetti oħra. Is-Sindku ta spjegazzjoni ta' kif inqassmu *substitance allowance* li ngħataw għall-konferenza Avec li saret fil-Mellila, Spanja u għal-konferenza li saret Cisterino l-Italja. Is-Sindku spjega li f'proġetti Youth in Action ma jingħatawx allowance peress li kollox kien mħallas mill-kordinatturi tal-proġett.

2. Korrispondenza

2.1 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-AssoċjazzjoniRETE dwar konferenza li ser issir bejn it-28 u 30 ta' Novembru 2013 f'Madeira il-Portugal. Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jiddeċiedi dwar jekk jattendiex għal din il-konferenza. Is-Sindku qal li l-ewwel zewg konferenzi li saru l-Kunsill ma parteċipax minħabba raġunijiet finanzjarji.

Is-Sur Attard staqsa x'kienu l-ispejjez involuti. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien responsabbli mill-ispejjez sabiex jipparteċipa f'din il-konferenza. Għalhekk f'dawn iċ-ċirkustanzi is-Sindku ppropona li l-Kunsill ma jipparteċipax għal din il-konferenza u tintbgħat korrispondenza fejn il-Kunsill jibgħat jinfoma lill-organizzaturi li minħabba ragunijiet finanzjarji u peress li l-Kunsill kien ser ikun qed jipprepara għall-avvenimenti tal-Milied.

2.2 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar konferenza dwar l-uzu tal-enerġina alternattiva ġewwa l-gzejjer Maltin bis-sehem attiv tal-Kunsilli Lokali. Din il-konferenza ser tiġi organizzata nhar it28 u 29 ta' Novembru 2013 gewwa Palazzo Capua,Tas-Sliema.

2.3 Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Caroline Farrugia dwar għoti ta' demm gewwa lokalita' tal-Birgu fejn pproponiet li jsir il-Ħadd, 17 t'Awwissu 2014. Il-kunsill approva unanimament.

2.4 Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Żammit sabiex issir laqgħa mal-bejjiegħa li jarmaw fis-Suq tal-Bdiewa nhar l-Erbgħa, 13 ta' Novembru 2013 fis-6 ta' filgħaxija fil-Berga ta' Franza sabiex flimkien jiġi diskuss l-operat tas-suq biex ikun aktar organizzat u effiċjenti.

2.5 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill lis-Sur Joseph Zammit dwar l-ilmenti tal-bejjiegħa li jarmaw fis-Suq tal-Bdiewa. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jirċievi lmenti dwar l-għoli tal-prezzijiet minn uħud mill-bejjiegħa.

Is-Sur Gellel qal li s-Sibt filgħodu huwa mar u kien hemm erba' karozzi pparkjati u sakemm ġew il-pulizija s-sidien ressqu l-karozzi. Is-Sur Gellel semma wkoll li t-talba sabiex jiġu provdut l-elettriku kien biss minn zewġ bejjiegħa. Is-Sur Gellel talab sabiex jiddiskutu mal-bejjiegħa li tinħatar persuna li tieħu ħsieb is-Suq tal-Bdiewa ta' nhar ta' Sibt.

3. <u>Sotto Kumitat Birgu Fest 2014</u>

3.1 Is-Sindku talab li jiġi maħtur kumitat Birgu Fest 2014 fejn hu jkun ic-Chairperson ta' dan il-Kumitat.

Is-Sindku qal li għal-ewwel laqgħa kien ser isejjaħ tlieta min-nies flimkien miegħu u l-iskrivana Moira Azzopardi bħala kordinatriċi ta' din l-attivita'. Is-Sindku qal li l-membri kienu ser jiġu approvati mill-Kunsill.

Is-Sindku u l-Kunsilliera tkellmu dwar l-organizzazjoni hu wrew soddisfazzjon u apprezzament għall kull minn ta'is-sehem tiegħu sabiex din l-attivita' jkollha suċċess.

3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-bidu tas-sena dieħla kien ser jibda x-xogħol ta' pavimentar kif ukoll jinbidlu s-servizzi ezistenti mgħoddija taħt l-art fi zona tal-Collachio fi Triq Paċifiku Sciculuna, Triq Papa Alessandru, Triq il-Kwartier, Triq Glormu Cassar, Triq Nofsinhar, Triq il-Palazz tal-Isqof u Triq il-Majjistral. Is-Sindku talab sabiex ir-residenti f'din iz-zona jiġu nfurmati b'dawn ix-xogħlijiet.

4. Aggudikazzjoni tal-offerti

4.1 Aggudikazzjoni tal-offerti għas-servizz ta' Perit tal-Kunsill - CMRM 1/2013

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill is-sitt offerti li ġew mitfugħa għas-Servizz ta' Perit tal-Kunsill – CMRM 1/2013. L-offerti mitfugħa kellhom id-dokumenti mitluba mimlija u ffirmati u kienu mingħand :

| **Kuntrattur** | ***Management Fee*** | ***Consultany Services*** | ***Preparation Bill of Quantity*** | ***MEPA Application*** |
|---|---|---|---|---|
| 1. Perit Mark John Scicluna | 0.80% | €9.00 | 0.80% | €150 |
| 2. Med Design Ass | 1.5% | € | 0.5% | |
| 3. Perit William Lewis | 0.70% | €7.00 | 0.45% | €450 |
| 4. Design Technical Resources | 1.20% | €10.00 | 0.35% | €250/€750 |
| 5. Building Design Consultants | 0.75% | €10.00 | 0.75% | €250/€450 |
| 6. Perit Mariello Spiteri | 0.80% | €9.49 | 0.10% | 0.80% |

Il-Kunsill qabel unanimanent li jitħejja rapport mil-Perit Duncan Mifsud sabiex jirrakomanda l-aktar offerta vantaġġuza.

4.2 Aggudikazzjoni tal-offerti għas-Servizz ta' Accountat – AC 2/2013

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill it-tlett offerti li ġew mitfugħa għas-Servizz ta' Accountant tal-Kunsill – AC 2/2013. L-offerti mitfugħa kellhom id-dokumenti mitluba mimlija u ffirmati u kienu mingħand :

| **Kuntrattur** | **Prezz** |
|---|---|
| 1. Mazara Consulitng Ltd | € 30.00 |
| 2. D Consulta Ltd | € 27.00 |
| 3. Nexia Ltd | € 21.90 |

Il-Kunsill qabel unanimament li tintgħazel l-offerta tal-Kumpanija Nexia Ltd għall-prezz ta' € 21.90 is-siegħa li kienet l-offerta l-aktar vantaġġuza.

4.3 Aggudikazzjoni għall-kwotazzjoni għas-Servizz Legali – QTE 3/2013

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill is-sitt kwotazzjonijiet li ġew mitfugħa għas-Servizz Legali. L-offerti kienu mingħand:

| **Kuntrattur** | **Prezz** |
|---|---|
| 1. Dr Franco Galea & Lucio Scriha | €47.20 |
| 2. Dr Alexia J Farrugia Zrinzo | €28.50 |
| 3. Dr Carl Grech | €50.00 |
| 4. Dr Larry John Formosa & Alfred Grech | €19.50 |

5. Dr Joseph Zammit €54.00
6. Dr Louise Spiteri €25.00

Il-Kunsill qabel unanimament li tintgħazel l-offerta tal-Avukati Larry John Formosa u Alfred Grech għall-prezz ta' € 19.50 is-siegħa li kienet l-offerta l-aktar vantaġġuza.

**4.4 Aggudikazzjoni għall-kwotazzjoni għas-Servizz ta' On Line Streaming 4/2013 – QTE 4/2013**

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill l-erba' kwotazzjonijiet li ġew mitfugħa għas-Servizz ta' *On Line Streaming* – QTE 4/2013. L-offerti mitfugħa kienu mingħand :

| | Kuntrattur | *Equipment Installation* | *Streaming* | *Maintenance Agreement* | *Back Up* |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | AD Ltd | €1758.10 | €708.00 | €978.00 | €177.00 |
| 2. | Smart ICT | €1130.00 | €920.00 | €1180.0 | €150.00 |
| 3. | AG Web Solutions | €4590.00* | | €1000.00 | |
| 4. | Correct Termination Ltd | €2301.00 | €1032.00 | €590.00 | |

*(tinkludi sena streaming)

Il-Kunsill qabel unanimament li jitħejja rapport mill-Inġinir Renzo Curmi li kienet persuna teknika sabiex jiġu evalwati l-offerti u tiġi rakomandata l-aħjar offerta.

**5 Affarijiet Oħra**

5.1 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li kienu ser jiġu organizzati zewġ parties tal-Milied għat-Tfal ta' bejn it-tlett snin u s-sitt snin u iehor għat-tfal ta' bejn is-seba' snin u l-għaxar snin nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Diċembru 2013.

5.2 Is-Sindku tkellem dwar il-fatt li l-Ambaxxata Amerikana kienet interessata fil-Berga ta' l-Ingilterra sabiex tagħmel Istitut ta' Studju. Għalhekk il-Kunsill kellhu jiddeċiedi li jsir spustjar temporanju tal-librerija li kienet tinstab fil-Berġa ta' l-Ingilterra.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-aħjar post kien l-armerija, imma qabel trid tiġi rranġata.

5.3 Is-Sindku ddiskuta l-proġett ta' zvillup ta' Solar Farms u talab sabiex tintbgħat site plan permess tal-google map lill-Inginir Renzo Curmi sabiex l-Inginir iħejji r-rapport tiegħu dwar dan il-proġett.

Il-laqgħa spiċċat fis-8.20 ta' filgħaxija.

____________________________

Isabella Testaferrata De Noto
Deputat Segretarja Ezekuttiv

____________________________

ikkonfermati John Boxall
Sindku